**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Michael Vella)
**Vs**
Wadeea Danoun
(detentur tan-numru tal-Pulizija 21G-053)

**Illum, 20 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Wadeea Danoun (magħruf ukoll bħala Walid) ta' għoxrin sena (20), iben Abdul Rahman u Zahira, imwieled il-Marrokk, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa (2004) residenti x'imkien Hal Far, u detentur tan-numru tal-Pulizija 21G-053 ġie akkużat:

*"... talli fil-lejl ta' bejn il-4 ta' Awwissu 2024 u 1-5 ta' Awwissu 2024, ghali-habta ta' bejn in-nofsilejl (00:00hrs)u l-erbha u nofs ta' filghodu (04:30hrs), gewwa Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:*

*1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-dannu ta' Jean Pierre Attard u/jew xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra;*
*Artikolu 325(I)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' PS 2250 Sally Anne Felice, PC 999 Denzel Simonini, PC 747 Danel Scerri u PC 552 Sheldon Theuma jew ma hallejthomx jew fixkilthom waqt li kien qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalu fi dmirijiethom, jew billi gibt fix-xejn u, jew hassart dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqgha taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra tal-ligi.*
*Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta*

*3. Minghajr il-hsieb li jaghmel reat iehor, dahal f’dar fejn joqghod haddiehor wara li jkun mwissi minnu li m'ghandux jidhol, jew jidhol bil-mohbi tieghu, jew bi skuza falza jew b'qerq iehor.*
*Artikolu 339 (1)(o) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta*

*U nakkuzah ukoll talli fil- 5 t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u fil-granet, gimghat u/jew xhur ta' qabel, fi bnadi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zrninijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:*

*1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;*
*Artikolu 334 (a) tal-Kapitol« 9 tal-lit/jiet ta' Malta”*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil partijiet offiżi kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiza jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebit il-fedina penali, u l-personal details form tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-ammissjoni u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tatu żmien jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tal-imputat, peress li skont l-imsemmija fedina penali, din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef subajh mal-ġustizzja, il-Qorti hija tal-fehma li  piena karċerarja effettiva ma tilħaqx il-għan meħtieġ, cioé dak tar-riforma tal-imputat li għandu l-età ta' għoxrin sena.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 325(1)(b), 95, 339(1)(o) u 334(a) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 533 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat stess issib lill-Wadeea Danoun (detentur tan-numru tal-Pulizija 21G-053) ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' tmin (8) xhur priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ħati jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, kif ukoll għal multa kumplessiva ta' tmin mitt ewro (€800).

Il-Qorti addizzjonalment wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jħallas is-somma ta' sitt mija sitta u sebgħin Ewro (€676) bħala danni lill-parti leża.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-portata tas-sentenza lill-imputat u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' din is-sentenza.

| | |
|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D** | **Josanne Gauci** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------